MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 145/2011

**Vodafone Malta Ltd (C-10865)**

**Vs**

**CS Motorsports Limited (C 46026)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, seba’ mija tlieta u tletin ewro u sebgha centezmi( €3,733.07) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lis-socjeta’ konvenuta abbazi ta’ ftehim bejn  il-kontendenti (vide rendikont anness mar-rikors u mmarkat bhala ‘Dok A’).  Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sallum.

Bl-ispejjez inkluz tal-Mandat ta' sekwestru kawtellatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-atti a fol 2 u markat <u>Dok A</u>.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-6 ta' Gunju 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija tlieta u tletin ewro u sebgha centezmi( €3,733.07) bl-imghax legali dovut 'a scalletta' skond l-anness dokument markat <u>Dok A</u> sad-data tal-pagament effettiv kif wkoll l-ispejej sinkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-tlieta (3) ta' Mejju 2011.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------